MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 427/2013

**Frank Cachia (KI 415770M)**

***kontra***

**Joseph Sciberras Balbi (KI 432765M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-6 ta` Mejju 2013 li jaqra hekk –

*1. Illi permezz ta` Kostituzzjoni ta` Debitu datata erbgha u ghoxrin (24) ta` Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Dr. Philip Lanfranco (Inskritt: 9837/2011), il-konvenut Joseph Sciberras Balbi kkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur a favur tar-*

*rikorrenti Frank Cachia li accetta, fis-somma ta` tmintax-il elf u erba` mitt euro (€18,400) liema dejn kien naxxenti minn xoghol provdut mir-rikorrenti fuq inkarigu tal-konvenut (DOK A);*

*2. Illi fl-istess Kostituzzjoni ta` debitu l-konvenut obbliga ruhu li jirrestitwixxi lir-rikorrent is-somma ta` tmintax-il elf u erba` mitt euro (€18,400) fi zmien tmintax (18)-il xahar, b`effett mid-data tal-istess kostituzzjoni ta` debitu u dana permezz ta` pagamenti mensili konsekuttivi ta` mhux inqas minn elf u tnejn u ghoxrin euro (€1,022) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fl-erbgha (4) ta` Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) u li jibqa` jaghmel pagamenti kull raba` gurnata tax-xahar sakemm jithallas l-ammont kollu flimkien mal-imghax ta` tmienja fil-mija (8%), liema imghax kellu jithallas f`somma globali mal-ahhar pagament fi zmien tmintax (18)-il xahar;*

*3. Illi fl-istess kuntratt il-partijiet qablu illi jekk il-konvenut jibqa` moruz fil-hlas ta` zewg pagamenti konsekuttivi jew f`ammont ekwivalenti ghal zewg pagamenti, u jibqa` hekk moruz ghal hmistax (15)-il gurnata, l-ammont kollu tad-dejn isir restitwibbli minnufih a semplici rikjesta bil-miktub tal-kreditur (Dok B Ittra ufficjali datat 28 ta` Mejju 2012);*

*4. Illi fl-istess kostituzzjoni ta` debitu l-konvenut obbliga ruhu wkoll li jekk huwa ma jhallasx l-ammont kollu fiz-zmien stipulat ta` tmintax (18)-il xahar, ir-rikorrent ikollu dritt li jitlob kwalunkwe bilanc li jkun ghad fadal u f`dan il-kaz ukoll jibda jiddekorri l-imghax fuq il-bilanc ta` debitu li jkun ghadu hekk ma thallasx;*

*5. Illi l-konvenut ghamel zewg pagamenti ta` elf u tnejn u ghoxrin euro (€1,022) fix-xahar ta` Lulju 2011 u f`Awwissu 2011 rispettivament u ma baqax ihallas, hlief pagament wiehed akkont ta` €250 u li ghalhekk il-bilanc illum huwa €16,110, u dana minghajr l-interessi;*

*6. Illi r-rikorrent intavola rikors ghal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut, datat 15 ta` April 2013 bin-numru 573/2013;*

*7. Illi ghal kull buon fini r-rikorrent rega` nterpella lill-konvenut sabiex ihallas id-dejn skond kif kien mifthiem imma l-konvenut baqa` inadempjenti u ghalhekk ir-rikorrent kellu jirrikorri ghal dawn il-proceduri odjerni ai termini tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*8. Illi dan id-debitu min-naha tal-konvenut huwa cert, likwidu u dovut u ai termini tal-kostituzzjoni ta` debitu maqbula bejn il-partijiet u l-konvenut m`ghandux eccezzjonijiet validi fil-ligi x`jistghu jaghmlu kontra t-talba ghal hlas min-naha tar-rikorrent;*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara lil konvenut debitur versu r-rikorrenti fl-ammont ta` €16,110 liema ammont huwa cert, dovut u likwidu, u dana minghajr pregudizzju ghall-imghax dovut;*

*3. Tiddikjara li skond l-istess kostituzzjoni ta` debitu l-imghax ta` tmienja fil-mija (8%) huwa dovut u ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-istess kostituzzjoni ta` debitu u cioe` mill-24 ta` Gunju 2011 fuq l-ammont ma thallasx;*

*4. Tordna lill-konvenut ihallas lir-rikorrent is-somma dikjarata dovuta skont it-talbiet precedenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta` Mejju 2012, il-mandat ta` sekwestru kawtelatorju datat 15 ta` April 2013 kif ukoll l-interessi skont it-tielet talba kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-konvenut skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum, il-konvenut ma deherx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni u t-tielet talbiet billi tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta` sittax-il elf, mija u ghaxar Euro (€16,110), liema ammont huwa cert, likwidu u dovut, bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) li jibda jiddekorri mill-24 ta` Gunju 2011 sad-data tal-effettiv pagament.**

**3. Tilqa` r-raba` talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` sittax-il elf, mija u ghaxar Euro (€16,110) kif fuq inghad, bl-imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) b`effett mill-24 ta` Gunju 2011 sad-data tal-effettiv pagament.**

**4. Tikkundanna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-28 ta` Mejju 2012 u dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju prezentat fil-15 ta` April 2013.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------